## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Settembru 2001**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2236/01 fl-ismijiet:**

**Anne Grech**

**vs**

**Frank Scicluna**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Frank Scicluna fejn gie premess:

Illi l-esponenti gie infurmat verbalment mill-intimata Anne Grech li gie pprezentat mandat ta' sekwestru kontra tieghu mahrug minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Awissu 2001, fuq talba ta' l-istess intimata;

Illi t-talba ta' l-intimata ghall-hrug tl-fuq imsemmi mandat huwa bbazat fuq allegati servigi resi minnha lill-esponenti;

Illi r-raguni li fuqha l-intimata qed tibbaza l-azzjoni taghha hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet;

Illi in linea perliminari ma kien hemm ebda hjiel jew hsieb remot li xi wahda mill-partijeit in kwestjoni kienet qed tippretendi xi hlas jew kumpens rizultanti tar-relazzjoni li kellhom;

Illi l-partijiet kienu konxji u ben konsapevoli tac-cirkostanzi kollha relatati mar-relazzoni li kellhom. In fatti, l-intimata kienet taf sew li l-esponenti, ghalkemm separat, huwa persuna mizzewga u inoltre ma hemm la raguni ghal xi annullament u lanqas xi hsieb ta' xi kawza f'das-sens;

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti huwa tal-fehma li jezistu ragunijiet li jiggustifikaw it-talba tieghu kif hawn taht dedotti u cioe':-

Illi l-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru huwa vvizzjat stante li a tenur tal-paragrafu (b) tas-sub-inciz (8) ta' l-Artiklu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [836(8)(b) ta' Kap. 12] ma kienx hemm il-bzonn li jinhareg dan il-mandat u wisq aktar, l-intimata ma talbitx lill-esponenti biex ihallas l-ammont allegatament dovut jew biex jipprovdi sigurta' sufficenti f'kaz li l-ammont rikjest ma kienx likwidat, fl-ahhar hmistax-il gurnata qabel il-hrug ta' dan il-mandat;

Illi inoltre, ir-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-intimata tterminat madwar sena u nofs ilu wara perjodu precedenti fejn ir-relazzjoni taghhom kienet gia' iddeterjorat u ma kinux jiffrekwentaw lil xulxin kif kienu qabel. Fil-fatt, l-esponenti ma kienx baqa' jzur lill-intimata, u ghalhekk il-pretensjoni taghha ikkalkolata fuq medda ta' hames snin servigi mhijiex gustifikabbli;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti kien ferm generuz ma' l-intimata, u dana billi kien ihallas l-ispejjez kollha relatati ma' dawl, ilma u telefon u inoltre, l-esponenti kien hareg l-ammont totali ghall-akkwist tad-dar fejn tabita l-intimata llum, u anke ghall-karozza li hija registrata f'isem l-intimata;

Illi in vista tas-suespost l-esponenti jhoss illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru fuq indikat ma huwiex gustifikat u huwa malizzjuz, frivolu u vessatorju;

Ghalhekk, in vista tal-premess, ir-rikorrenti Scicluna talab li dina l-Qorti :-

Tirrevoka totalment il-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru mahrug kontra tieghu, u dana (i) a tenur tal-paragrafu (b) tas-sub-inciz (1) ta' l-istess artiklu 836 ta' Kap.12 - 836(1)(b) - u cioe billi ma jissussistux il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat; u (ii) a tenur tal-paragrafu (d) tas-sub-inciz (1) tal-istess artikolu 836 - 836(1)(d) u cioe' billi l-ammont rikjest mhuwiex prima facie gustifikabbli;

U inoltre, tikkundanna lill-intimata Anne Grech thallas multa favur l-esponenti f'ammont li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust, u dana (i) a tenur tal-paragrafu (b) tas-sub inciz (8) ta' l-istess artiklu 836 ta' Kap. 12 - 836(8)(b) - u cioe' billi ma kienx hemm il-bzonn li jinhareg dan il-mandat u wisq aktar, l-intimata ma talbitx lill-esponenti biex ihallas l-ammont allegatament dovut jew biex jipprovdi sigurta' sufficenti f'kaz li l-ammont rikjest ma kienx likwidat, fl-ahhar hmistax-il gurnata qabel il-hrug ta' dan il-mandat, u (ii) a tenur ukoll tal-paragrafu (d) tas-sub-inciz (8) ta' l-istess artikolu 836 ta' Kap. 12 - 836(8)(d) - u cioe' billi t-talba ta' l-intimata hija wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;

Rat ir-risposta ta' l-intimata Anne Grech fejn gie sottomess :

Illi l-esponenti qieghda topponi ruhha ghat-talbiet tar-rikorrent ghar-ragunijiet segwenti:

Illi tal-talba tar-rikorrenti a bazi ta' l-artikolu 836(1)(b) hija infondata fil-fatt u fid-dritt u mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Dan l-artikolu jpprovdi ghall-possibilta' li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka mandat kawtelatorju meta "wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti." Bir-rispett kollu l-esponenti ma tarax kif dan l-artikolu huwa rilevanti ghall-fatti odjerni. Ir-rikorrenti jonqos ghal kollox li b'xi mod jissostanzja mliema htiega tal-ligi llum ma ghadhiex fis-sehh;

Illi r-rikorrenti qieghed jipprova li permezz ta' dawn il-proceduri jidhol fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Din l-Onorabbli Qorti, mat-talba tal-esponenti, kellha tissodisfa ruhha biss li l-pretensjonijiet huma prima facie gustifikati. Dan l-ezami sar minn din l-Onorabbli Qorti mhux b'xi leggerrezza. Ghall-kuntrarju, sahansitra stiednet lill-esponenti tindika kif waslet ghac-cifra preteiza u kien biss wara li l-esponenti spjegat f'aktar dettall li din l-Onorabbli Qorti akkordat efinittivament it-talba ghax dehrilha li hija prima facie gustifikata. Wara dan kollu, r-rikorrenti qieghed jippretendi li din l-Onorabbli Qorti (illum diversament presjeduta) tibdel il-pronunzjament taghha f'anqas minn gimaghtejn;

Illi l-fatti huma li l-esponenti ghal snin twal ipprestat servigi lir-rikorrenti. Dawn is-servigi kienu jikkonsistu inter alia f'sighat ta' xoghol kuljum konsistenti f'tisjir, hasil ta' hwejjeg, xiri u prestazzjonijiet f'kull bzonn iehor tar-rikorrenti. Min-naha tieghu r-rikorrent dejjem weghdha li kien sejjer jikkompensaha izda kien jipposponi dan il-kumpens, ossia hlas, ghal wara li jlesti xi progett li jkun qieghed jahdem fuqu. Madankollu, dan il-kumpens ma kien jasal qatt ghax kien jerga' jipposponih ghal wara xi progett iehor. Finalment, ir-rikorrent mar lura minn kliemu u beda jghid li ma jrid itiha xejn. Dan wassal sabiex l-esponenti ipprezentat citazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti ghall-hlas tas-servigi rezi minnha. Il-fatti kollha suesposti, u ohrajn, sejrin ikunu indirizzati fid-dettall fil-mertu tal-kawza msemmija. Fil-frattemp, l-esponenti ghandha interess illi tikkawtela l-kreditu taghha u qieghda taghmel dan permezz tal-mandat de quo;

Illi ghalhekk mhux opportun li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 2236/01 mahrug kontra r-rikorrenti;

Illi t-tieni talba tar-rikorrenti hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma jezistux ic-cirkostanzi sabiex l-esponenti thallas penali lir-rikorrent a tenur ta' l-artikolu 836 (8);

Illi l-esponenti tissottometti umilment illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 836 (8) mhux applikabbli u dan peress illi-

i) l-att kawtelatorju kien gustifikat li jinhareg, u dan kif premess aktar 'il fuq;
ii) l-esponenti, kemm hmistax-il jum qabel il-hrug tal-mandat kawtelatorju u kiemm fi zmien hmistax-il jum qabel ma pprezentat ir-rikors taghha, konsistement u assidwament talbet lir-rikorrenti sabiex ihallasha dak li ghanda dritt ghalih. Dan sar kemm tramite l-konsulent legali taghha u kemm minnha personalment. Min-naha tieghu huwa kien jew igib skuzi b'xi diffikultajiet finanzjarji li jinsab fihom, jew alternattivament jirrifjuta ghal kollox u jinjoraha;

Illi min-naha l-ohra t-talba ta' l-esponenti ghall-hrug tal-mandat de quo lanqas ma hija malizzjuza, frivola u vessatorja kif sfortunatament allega r-rikorrent. Certament illi l-oneru li jipprova din l-allegazzjoni huwa fuq ir-rikorrenti nnifsu. It-talba ghall-hlas tal-penali hija sahansitra indikattiva li l-oppost huwa l-verita', u cioe' illi r-rikorrent qed jittenta jivvendika ruhu kontra l-esponenti wara li hija agixxiet in kawtela tad-drittijiet taghha;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti talbet li din il-Qorti tichad kemm it-talba ghar-revoka tal-mandat de quo u kif ukoll it-talba tar-rikorrent ghall-hlas tal-penali, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet il--partijiet;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Awissu 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Scicluna qed jghamel referenza ghall mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ottjenut kontra tieghu mill-intimata Grech. Sabiex l-intimata ottjenit il-hrug ta' dan il-mandat hi allegat li rrendiet servigi lill-imsemmi rikorrenti Scicluna. Ir-rikorrenti jsostni li dawn l-allegazzjonijiet huma infondati. Ir-rikorrenti ghalhekk qed jitlob li l-imsemmi mandat kawtelatorju jigi revokat a tenur tal-provedimenti ta' l-artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 stante li ma jissussistux il-kondizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat u a tenur tal-836(1)(d) billi l-ammont rikjest mhux prima facie gustifikabbli;

Fit-tieni lok ir-rikorrenti qed jitlob li l-intimata Grech tigi kundannata thallas multa favur tieghu a tenur tal-artikolu 836(8)(b) dejjem tal-Kapitolu 12 billi ma kienx hemm il-bzonn li jinhareg dan il-mandat u billi l-intimata ma talbitx, qabel ma nhareg il-mandat, lill rikorrenti biex ihallas l-ammont allegatament dovut, kif ukoll a tenur tal-artikolu artikolu 836(8)(d) billi, skond ir-rikorrenti it-talba ta' l-intimata hija wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;

Jirrizulta li l-partijiet ghamlu zmien jikkoabitaw. L-intimata tippretendi li hi kreditrici tar-rikorrenti f'somma rappresentanti servigi resi minnha a favur tal-intimat. L-intimata kkonfermat li dawn is-servigi jikkonsistu fil-fatt li kienet issajjar u tnaddaf ghar-rikorrenti, b'mod generali kienet tiehu hsiebu oltre li kienet tghamel varji facendi ohra. L-intimata kkalkolat dawn is-servigi fis-somma komplessiva ta' seba u ghoxrin elf u tlett mitt liri maltin(Lm27,300). L-intimata Grech ikkonfermat li r-rikorrenti kien wieghda li kien ser jikkompensha;

Primarjament din l-azzjoni hi bbazata fuq il-provedimenti tal-artikoli 836(1)(b) u (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fi proceduri bhal dawn m'ghandu jigi deciz xejn li jappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet. Li ghandu jigi deciz hu semplicement jekk il-mandat kawtelatorju in kwestjoni ghandux jigi revokat "in toto" jew "in parte" skond dak li hemm dispost fl-artikolu in kwestjoni cioe l-artikolu 836 tal-Kap 12. Fi proceduri bhal dawn mhux il-kompitu tal-Qorti li tirrevedi dak li sar meta gie akkordat il-hrug tal-mandat in kwestjoni. Dan mhux appell minn dik id-decizjoni;

L-intimata kkonfermat bil-gurament il-pretensjonijiet taghha kontra r-rikorrenti u inoltre kkonfermat ukoll li l-istess rikorrenti kien ippromettielha li hu kien ser jikkompensha. Dan hu bizzejjed sabiex jinhareg il-mandat kawtelatorju u sabiex l-istess mandat jinzamm fis-sehh;

It-talbiet tar-rikorrenti kif ibbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 836(1)(b) ma jistghux jigu akkolti stante li ma jirrizultax li xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju m'ghadiex tesisti. Dawn il-provedimenti jimplikaw li xi element necessarju ghal hrug tal-mandat, issa li nhareg l-istess mandat, ma ghadux jesisti. Dan bl-ebda mod ma gie ppruvat mir-rikorrenti;

It-talbiet tar-rikorrenti kif ibbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 836(1)(d) ghandhom jigi akkolti in parte u dana billi jirrizulta "prima facie" li l-ammont mitlub hu eccessiv. Dan qed jinghad in vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, in partikolari in vista tan-natura tal-pretensjonijiet tal-intimata u in vista tal-kalkoli mghamula mill-intimata f'dan is-sens. Qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li jidher li r-rikorrenti kien in effett ihallas ghall-ispejjez kollha. Inoltre jirrizulta li minn dak li kienet issajjar l-intimata kienet tiekol hi u binha;

F'dawn ic-cirkostanzi hu opportun li l-effetti tal-mandat kawtelatroju in kwestjoni jigu limitati ghall nofs is-somma kalkolata mill-intimata meta inhareg l-istess att kawtelatroju. Ghalhekk l-effetti tal-istess mandat ghandhom jigu limitatai ghas-somma ta' tlettax il-elf sitt mija u hamsin liri maltin (Lm13,650);

M'ghandhomx jigu applikati ghal dan il-kaz il-provedimenti tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kapitolu 12. Jidher li in effett ir-rikorrenti kien a konoxxenza tal-pretensjonijiet tal-intimata u jidher li kien gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni tas-somma pretiza. Lanqas ma gie pruvat li t-talba tal-intimata fil-mandat in kwestjoni kienet wahda li saret b'malizzja jew kienet frivola jew vessatorja. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif ibbazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 836(8) ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi billi tilqa in parte t-talba tar-rikorrenti kif ibbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 stante li jirrizulta "prima facie" li l-ammont mitlub hu eccessiv u b'hekk tirrevoka "in parte" il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2236/01 u dana billi tordna li l-effetti tal-mandat kawtelatroju in kwestjoni ghandhom jigu limitati ghas-somma ta' tlettax il-elf sitt mija u hamsin liri maltin (Lm13,650);

Tichad it-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.